# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum is-26 ta' Novembru 2020**

Appell numru 262 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Joanne FENECH**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Settembru 2019 fil-konfront ta' Joanne FENECH, karta tal-identità bin-numru 625381M li ġiet mixlija:

   Talli nhar f'dawn il-Gżejjer, nhar il-21 t'Ottubru 2010 kif ukoll fil-ġimgħat ta' qabel :

   1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kiens fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet

tar-4 u 6 Taqsima Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienetx fil-pussess ta'awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifatura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala persuna li mhijiex uffiċjal tal-ħabs, jew persuna oħra impjegata fil-ħabs, mingħajr l-Awtorita' legittima daħħal, jew ipprova jdaħħal, jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett li jkun, li hu pprojibit skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew ġarr jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dak barra mill-ħabs;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mall-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 553 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u kkundannatha għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mija u ħamsin ewro (€950) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mall-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia bl-ispejjeż

konnessi mall-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija erba' u ħamsin euro sitta u sebgħin ċenteżmu (€154.76), kif ukoll l-ispejjeż konnessi mall-ħatra tas-*Scene of Crime Officer* PS 404 Paul Camilleri, ammontanti għas-somma ta' tmienja u erbgħin euro disa' u disgħin ċenteżmu (€48.99), b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' mitejn u tliet euro ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€203.75), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza.

Inoltre, ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita fl-atti hekk kif dis-sentenza tgħaddi in ġudikant u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distribuzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax il-jum minn tali distruzzjoni.

3. Illi minn din is-sentenza Joanne FENECH interponiet appell li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberaha mill-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha, u fin-nuqqas li tirriformaha billi tagħti piena ferm aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi u dan wara li stqarret li :
    i. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u l-konklużjoni tal- Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ssib ħtija fl-appellanta kienet *unsafe and unsatisfactory*;

ii. Li l-imputazzjonijiet ma setgħu qatt legalment iwaslu għall-ħtija in kwantu ċ-ċitazjoni kienet nieqsa minn dettalji ta' lok, post u ħin altrimenti rikjesti mill-Liġi;
iii. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellanta kienet taf li fil-basket in kwistjoni kien hemm id-droga herojina;
iv. Illi f'dan il-każ il-provi ċirkostanzjali li kien hemm ma kienux univoċi. Il-Qorti bbażat il-ġudizzju tagħha fuq preżunzjoni li ma kienx minnu dak li l-appellanta qalet li Degabriele kien ilesti basket bil-lest għal meta huwa jiġi miġbur mill-Pulizija;
v. Illi t-trapass taż-żmien, l-ammont minimu tad-droga, il-progress enormi li wetqet l-appellanta f'ħajjitha kif ukoll li l-appellanta qegħda tiġġieled il-marda tal-kanċer u teħtieġ attenzjoni kbira kellhom jingħataw aktar widen mill-Qorti li jkunu riflessi f'temperament tal-piena.

*Ikkunsidrat*

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-

sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Diċembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-

---

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

oħra jistgħu jkunu qarrieqa.  Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta.  Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha.  Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta.  Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza

[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22.In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer***, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

23.Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

24. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat***

25. Illi nhar il-21 ta' Ottubru 2010 il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu ntalbu jagħtu l-assistenza wara illi kienet allegatament instabet sustanza suspettuża ġewwa borża żgħira fil-pussess ta' ċertu Josef Tyler Zammit filwaqt illi kien fil-*Forensic Ward* ta' l-Isptar Monte Carmeli. Is-sustanza kienet moħbija f'bott tax-*shampoo* ma affarijiet oħra personali li kienu ser jingħataw lil ċertu Darren Borg li fiż-żmien in kwistjoni kien residenti fil-*Forensic Ward*. Zammit twaqqaf mill-gwardjani tal-Faċilita Korrettiva li kienu preżenti filwaqt illi Zammit kien ittenta li jdaħħal il-basket bis-sustanza in kwistjoni.

26. Wara illi saret l-analiżi tas-sustanza in kwistjoni, ġie kkonfermat illi din kienet herojina. Zammit ikkopera mal-Pulizija fejn kien qalilhom li ma kienx x'jaf bil-kontenut tal-basket ħlief illi dan kien ntiż għal Darren Borg u li dawn l-affarijiet kienu ngħatawlu mill-appellanta.

27. Minn stħarriġ ulterjuri irriżulta li l-appellanta kienet it-tfajla ta' Sandro Degabriele li dak iż-żmien kien residenti wkoll il-*Forensic Ward* u fejn minħabba proċeduri dixxiplinari li kienu ttieħdu kontra tiegħu, hu kien prekluż milli jkollu viżiti.

28. L-appellanta ġiet investigata u mitkellma fejn filwaqt li kkonfermat li kienet għaddiet il-basket lil Josef Tyler Zammit, tiċħad illi ppreparat il-basket hi u/jew li kienet taf li fiħ kien hemm id-droga. L-appellanta tressqet il-Qorti fejn instabet ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

*Ikkunsidrat*

29. Illi qabel din il-Qorti ddur sabiex titratta l-aggravji mqajjma fl-appell intavolat mill-appallanta, matul is-smiegħ tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, saret talba da parti tal-appellanta sabiex tibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi s-subartikoli (1) u (2) ta' din id-disposizzjoni jinqraw kif ġej:

> (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijietli għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduriquddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.
>
> (2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiettas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:
>
> (a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
>
> (b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
>
> (ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

30. Illi l-artikolu 13 tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi regoli dwar meta dan l-Att m'għandux japplika, jiġifieri:

> Dan l-Att m'għandux japplika:
> (a) fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; jew
> (b) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew
> (ċ) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.

31. Issa mill-qari tal-atti proċesswali u mis-smiegħ ukoll tal-provi prodotti quddiemha kif ukoll fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u ta' dak sottomess quddiem din il-Qorti, jidher illi fi żmien mertu tar-reati addebitati kontra tagħha, l-appellanta kellha problema ta' dipendenza ta' droga. Jidher in oltre illi tul is-snin l-appellanta ħadet il-miżuri sabiex tieħu l-kura meħtieġa sabiex ma tibqax maħkuma minn dan il-vizzju. Skond dak illi xehed Dr. Moses Camilleri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, jidher illi l-appellanta rnexxielha tirrijabilita ruħha minn dan il-vizzju. Apparti minn hekk, minn dak li rriżulta mix-xhieda tal-espert xjenzat Godwin Sammut, il-kwantum tad-droga in kwistjoni huwa wieħed illi ma jaqbisx it-*threshold* indikat taħt ir-Raba Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċi Perikolużi.

32. Madankollu l-Qorti ma tistax ma tieħux qies tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi mid-diċitura tas-subparagrafi (a) u (b) tal-istess disposizzjoni, il-Leġislatur jeskludi l-applikazzjoni ta' ċerta reati illi jaqgħu taħt il-Liġijiet tad-droga, inkluż dak it-tipoloġija ta' traffikar tad-droga illi l-appellanta ġiet mixlija bih, u misjuba ħatja tiegħu. Mid-diċitura tas-subparagrafu (c) qed jiġi kategorikament eskluż l-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet għal każijiet meta' r-reat iseħħ **fir-rigward ta' jew ġewwa l-Faċilita' Korrettiva**. Il-Leġislatur ma' speċifikax il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin,[11] u b'hekk il-Qorti tifhem illi din id-disposizzjoni tapplika wkoll għall-estensjonijiet tal-Faċilita' li jinstabu banda' oħra, fosthom allura l-*Forensic Unit* ta' l-Isptar Monte Carmeli.

33. Magħdud dan kollu, fid-dawl tal-fatt illi r-reat addebitat lill-appellanta effettivament ġie kommess **fir-rigward** tal-Faċilita Korrettiva, f'dan il-każ il-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Carmeli, din il-Qorti ma tistax tapplika l-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellant u konsegwentement ser tiċħad din it-talba.

***Ikkunsidrat***

[11] Emfażi tal-Qorti.

34. Illi f'dan il-każ jidher li hemm qbil ġenerali bejn il-partijiet dwar kif żvolġew il-fatti. L-appellanta mhix tiċħad illi hi tagħat basket lil Josef Tyler Zammit sabiex dan iddaħħal l-istess basket fuq isem Darren Borg bl-intendiment li l-istess basket jasal għand Sandro Degabriele, l-għarus li kellha dak iż-żmien. Madankollu l-appellanta tisħaq illi hi ma kinitx taf x'kien fih dak il-basket, ċjoe li fil-basket kien hemm id-droga herojina. L-appellanta tisħaq illi l-basket kien diġa ġie ippreparat minn Degabriele qabel ma ġie arrestat u dan għaliex kien iħalli basket dejjem lest fl-eventwalita' li jiġi arrestat mill-Pulizija.

35. In oltre l-appellanta tipprotesta wkoll għall-lokuzzjoni użata fiċ-ċitazzjoni miġjuba kontra tagħha u dan peress illi tgħid li din kienet nieqsa minn indikazzjoni tal-ħin, post jew lok konċernanti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Tgħid li dan il-fatt waħdu kellu jwaqqa' l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tagħha.

36. Sussidjarjament l-appellanta titlob ukoll illi l-piena fil-konfront tagħha tiġi riveduta għal waħda aktar ekwa u ġusta.

37. Illi kwantu għall-aggravju relattiv għall-lokuzzjoni użata fiċ-ċitazzjoni tqid li d-diċitura tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jirregola x'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni kif ġej:

> Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-Qorti u mressqa quddiem l-istess Qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

38. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Benny u Anna Zaffarese*** deċiża minn din il-Qorti diversament ippreseduta, ġie ritenut is-segwenti:

> L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali, jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, izda ma jispecifikax x'dettalji ghandhom jinghataw. Jekk xi dettalji jithallew barra dan b'ebda mod ma jgib in-nullita` tac-citazzjoni. Anke jekk xi dettalji jkunu zbaljati, jekk il-persuna indikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni u cjoe` li sservi ta` avviso a comparire, tkun giet ezawrita. L-att ta` akkuza ghandu jkun fih, inter alia, talba sabiex l-akkuzat jigi kkundannat ghall-piena stabbilita mil-ligi jew ghal kull pena ohra li tista` tinghata; ic-citazzjoni ma jehtiegx li jkun fiha ebda talba simili hlief f'dak il-kazjiet fejn il-ligi espressament tirrikjedi li certi konsegwenzi tas-sejbien ta` htija jridu jkun mitluba mill-prosekuzzjoni.'[12]

39. Illi din il-Qorti daħlet ukoll fid-dettall dwar dawn in-nuqqasijiet jew diskrepanzi fl-att taċ-ċitazzjoni, u sabiex ma jinħeliex ħin inutli, din il-Qorti tirreferi lill-appellanta għas-sentenza ***Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi*** tal-15 t'Ottubru 2019.

40. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u b'referenza għad-dettalji li ngħataw fiċ-ċitazzjoni mertu ta' dan il-każ, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni indikat id-data tar-reati addebitati kontra l-appellanta, indikaw illi r-reati kommessi saru f'dawn il-Gżejjer mingħajr ma speċifikaw il-lok jew il-ħin meta dawn ir-reati seħħew. Dil-Qorti hija tal-fehma illi b'dawn il-kriterji, allavolja limitati, dak rikjest mill-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ġie sodisfatt; anke peress li jirriżultax bażat fuq il-provi li tresqu matul il-kors tal-kawża.

[12] Deċiża mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-13 ta' Jannar 1995.

41. Huwa minnu illi l-Prosekuzzjoni ma ndikatx ħinijiet iżda d-data għandha tkun suffiċjenti sabiex il-kriterju taż-żmien jiġi sodisfatt. In oltre, filwaqt illi l-Prosekuzzjoni ma semmietx ir-Raħal fejn jinstab l-isptar Monte Carmeli u lanqas l-isem tal-lok, il-frażi ġenerika 'f'dawn il-Ġzejjer' tkopri ndubjament anki l-inħawi fejn jinstab il-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Carmeli, kif ukoll Bormla fejn kienet tabita l-appellanta, u minn fejn allegatament inħareġ il-basket kontenenti s-sustanza illeċita. Ma hemmx dubju li kemm l-Isptar Monte Carmeli, kif ukoll il-Belt ta' Bormla jinsabu f'dawn il-Gżejjer.

42. Konsegwentement, il-lokuzzjoni użata u d-dettalji li ngħataw, għalkemm setgħu kienu aktar speċifiċi, kienu jissodisfaw il-*minimum* rikjest biex ċitazzjoni titqies li kienet valida u biex isservi l-iskop tagħha bħala *avviso a comparire*. B'hekk dan l-aggravju qiegħet jiġi miċħud ukoll.

***Ikkunsidrat***

43. Illi d-definizzjoni wiesa ta' traffikar kif ipprovduta taħt l-artikolu 22(1B) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) tinqara testwalment kif ġej:

> Għal finijiet ta' din l-Ordinanza (tad-Droga) il-kelma jittraffika (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'referenża għat-traffikar tal-mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi meta l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-manifattura, l-esportazzjoni, d-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, l-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, l-għoti tal-informazzjoni intiża biex twassal għax xiri ta' tali mediċini bil-ksur ta' din L-Ordinanza.

44. Illi f'dan il-każ il-kwistjoni ewlenija tirrigwarda jekk l-appellanta effettivament kellhiex ix-xjenza tas-sustanza illeċita fil-basket li kien iddestinat, skond kliemha stess, għal Sandro DeGabriele. Il-Qorti tal-Maġistrati daħlet fil-fond ħafna u analizzat il-provi miġjuba quddiemha b'mod dettaljat. Dik il-Qorti kienet tal-fehma illi kien hemm diversi ċirkostanzi illi kienu jippuntaw b'mod inekwivoku lejn din ix-xjenza. Ma qisietx verosimili dak allegat mill-appellanta u ċioe' illi l-għarus li kellha kien iżomm basket ippreparat għall-ħabs fl-eventwalita' illi jiġi arrestat.

45. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati f'dan ir-rigward. Anke din il-Qorti ssiba diffiċli temmen li Degabriele, kien, bħal mara tqila waslet fl-aħħar ma tafx meta se jkollha tidħol l-isptar biex twelled iżomm basket bil-ħwejjeġ lest għal meta kien ikollu bżonn..

46. Apparti minn hekk, l-appellanta kienet taf sew bil-vizzju tad-droga li kellu Degabriele fiż-żmien in kwistjoni. Anke hi kienet maħkuma mill-istess vizzju. Hi u Degabriele kienu jgħixu flimkien, taħt l-istess saqaf. Id-droga herojina hija droga li fiżikament tirrendi skjav tagħha lil min ikun maħkum minnha. Il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati huma qari b'mod loġiku u intelliġenti tal-evidenza kemm diretta kif ukoll ċirkostanzjali li ġiet preżentata f'dan il-każ. Wara qari ta' din l-analiżi, din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-appellanta ma kienetx taf li fil-basket kien hemm id-droga herojina fih.

47. Il-pjan sabiex tiddaħħal din id-droga għall-benefiċċju ta' Degabriele, anke jekk fuq struzzjonijiet ta' Degabriele lill-appellanta, xorta waħda jirriżulta li kien jeħtieġ ċertu grad ta' preparazzjoni li Degabriele waħdu ma setgħax jagħmel. Apparti l-modalita ta' kif din id-droga kellha tiġi mdaħla fil-*Forensic Ward*, hemm il-modalita ta' kif din id-droga kellha tiġi konfezjonata u moħbija, liema modalita turi ċertu grad ta' ħsieb u preparazzjoni dettaljata. Id-droga instabet moħbija f'bott tax-xampu iswed. Kjarament li minn barra ta' dan il-bott ma jkunx jista' jidher dak li hemm ġewwa. L-ammont ta' droga misjuba f'dan il-każ kienet waħda żgħira – 0.48 grammi. Il-mod kif din id-droga kienet imgeżwra wkoll turi intelliġenza fil-preparazzjoni. Id-droga kienet imgeżwra f'biċċa plastik b'mod li tiġi ballun ċkejken. Iżda peress li din id-droga kienet intiża li tiġi mitfuha f'bott mimli b'likwidu dens bħal xampu, kien meħtieġ li jkollha protezzjoni akbar minn dan il-likwidu dens u għalhekk din id-doża herojina mdawra fil-plastik, ġiet ukoll imgeżwra f'biċċa ingwanta biex din isservi ta' kontenitur *waterproof*. Naturalment din id-droga ma setgħetx kienet ilha ħafna maħżuna f'dik il-kundizzjoni għaliex altrimenti wara ċertu żmien ma tibqax tajba.

48. Il-modalita li biha l-basket bil-flixkun tal-*Malizia* bl-erojina ġo fih kellu jiddaħħal fil-*Forensic Ward* ukoll turi pjan maħsub sal-anqas dettall, u li ried ċertu element ta' preparazzjoni konsiderevoli; talli kien ukoll intiż li jiġu użati terzi persuni biex la min qed jibgħatu u

l-anqas għand min kellu jasal ma kienu jkunu direttament marbuta mal-basket u l-kontenut tiegħu.

49. Jiġifieri l-appellanta u Degabriele ħadmu dan il-pjan biex fil-każ li kollox jimxi ħarir, il-basket bid-droga jasal għand Degabriele. Iżda jekk imbagħad dal-pjan ifalli, ikun hemm *barriera* bejn l-appellanta, il-basket, u d-destinatarju. Kemm l-appellanta kif ukoll Degabriele ħasbu għal dan biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm rabta diretta bejnhom u l-basket u b'hekk jekk il-pjan ifalli kien sejjer jinqabad ħaddieħor bil-basket bid-droga minflokhom. Biex jaslu għall-iskop tagħhom l-appellanta u Degabriele kienu lesti li jdaħlu fl-inkwiet lil ħaddieħor biex ibgħati l-piena minflokhom.

50. Għaliex Josef Tyler Zammit ġie mqabbad mill-appellanta sabiex idaħħal il-basket in kwistjoni u li rriżulta bid-droga herojina fih fuq isem Darren Borg? L-appellanta tgħid li għamlet dan fuq struzzjonijiet ta' Degabriele, filwaqt li qalet li ma kienetx taf dal-basket x'kien fih. Biss ġaladarbda dal-basket kien ser jiddaħħal fuq isem Darren Borg u mhux Sandro Degabriele, l-Qorti ma tifhimx għalfejn l-appellanta ma daħħlitx hi bil-basket hi stess, ladarba hija ma kienetx taf x'fih.

51. L-appellanta qalet li ma daħlitx dan il-basket hi minħabba l-għarusa ta' Darren Borg. Iżda anke hawn, jekk l-appellanta kienet se ddaħħal biss ħwejjeġ lil Borg - fuq struzzjonijiet tal-għarus tagħha stess - għalfejn kellha toqgħod tinkwieta x'taħseb l-għarusa ta' Borg, meta hi, oġġettivament kienet biss sejra ddaħħallu l-ħwejjeġ fuq struzzjonijiet tal-għarus tagħha stess..

52. Imbagħad jekk verament l-appellanta ma kienetx taf x'fih il-basket, għaliex meta rat li Josef Tyler Zammit dam ma ħareġ mill-Isptar – u f'kuntest fejn dan mar jagħmlilha pjeċir - minflok marret tistaqsi x'ġaralu qabdet u telqet minn fuq il-post bil-karozza t'omm Zammit stess?

53. Għalkemm ma hemmx provi diretti li juru x-xjenza tal-appellanta dwar il-kontenut tal-basket in kwistjoni, hemm diversi aspetti t'evidenza ċirkostanzjali u li ġew mgħarbla mill-Qorti tal-Maġistrati u li jwaslu għall-konklużjoni b'mod inekwivoku, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellanta kienet taf ben tajjeb li fil-basket in kwistjoni kien hemm id-droga herojina.

54. Kien għalhekk illi hi qabdet lill-Zammit, li jammetti hu stess - li kien sar qisu *factotum* tagħha, sabiex iwassal dan il-basket fil-*Forensic Unit* - biex jekk jinqalgħu xi problemi, bħalma filfatt inqalgħu, hi ma tinqabadx u jeħel Zammit minflokha. Fil-fatt hekk ġara għax filwaqt li hi ħarbet minn fuq il-post bil-karozza t'omm Zammit stess, Zammit għadda mill-passjoni tal-arrest u l-interrogazzjoni immedjata. Iċ-ċirkostanzi f'dan il-każ juru li hija kienet taf li f'dak il-basket kien hemm id-droga li kienet intiża li tiġi mgħoddija lil Degabriele.

55. Mid-diċitura tal-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta l-aġir tal-appellanta jinkwadra f'dak ta' traffikar skond kif definit f'din id-definizzjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment u raġonevolment korretta

tikkonkludi li kemm l-aspett materjali kif ukoll dak formali ġew sodsfaċentement ippruvati sal-grad rikjest.

56. Konsegwentement is-sejbien ta' ħtija tal-appellanta għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni ser tiġi kkonfermata mill-ġdid minn din il-Qorti.

*Ikkunsidrat*

57. Illi l-appellanta tinstab akkużata ukoll taħt l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 260 li jinqara kif ġej:

> 7.(1) Meta xi persuna, li ma tkunx uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorità leġittima, iddaħħal jew tipprova ddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew iġġorr jew tipprova ġġorr xi oġġett bħal dak barra minn xi ħabs, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa udisgħin ċenteżmu (232.94).Kap. 9.Kap. 101. Kap. 31.
> (2) Meta l-oġġett li jidħol jew li sar attentat biex jidħol f'ħabs kif intqal qabel ikun arma regolari kif imfisser fl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali, jew xi sustanza esplużiva kif imfisser fl-artikolu 314 tal-Kodiċi Kriminali, jew xi likwidu jew sustanza li taħraq jew korrużiva, jew xi mediċina li tkun mediċina perikolużа skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew li tkun mediċina li hi kontrollata b'regolamenti magħmula taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-piena tkun priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux iżjed minn tmintax-il xahar kemm-il darba ma jkunx hemm provduta piena ogħla taħt xi liġi oħra.

58. Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni fid-dawl ukoll tal-provi mressqa f'dan il-każ, m'hemmx dubbju lanqas illi l-appellanta hija responsabbli għal dan ir-reat ukoll. Kif ingħad aktar il-fuq, għalkemm hi qagħdet lura milli fiżikament tersaq lejn l-għatba tal-*Forensic Ward* bil-basket jikkontjeni d-droga herojina, kienet hi li tat l-istruzzjonijiet lil Josef Tyler Zammit biex idaħħal dak il-basket minflokha. Hi kienet dik li tat

l-ordni lil Josef Tyler Zammit sabiex iwettaq l-att li kien jikkostitwixxi d-delitt f'dan il-każ.

59. F'dan il-każ għalhekk, jekk verament il-Qorti tal-Maġistrati mill-provi li kellha quddiemha emnet li Josef Tyler Zammit kien ġie tradut u użat mill-appellanta sabiex dan, (li abbokka għall-iskuża mogħtija mill-appellanta li lilha kienu jafuha bħala l-għarusa ta' Degabriele u b'hekk peress li ma kienux qed iħallu viżiti miegħu kien aħjar li ma tmurx hi, kif ukoll li l-basket kien intiż għal Darren Borg, u ma riedetx tmur hi minħabba l-għarusa ta' Darren Borg) idaħħal il-basket bid-droga herojina minflokha fil-*Forensic Ward*, għalkemm l-appellanta ma kienetx dik li tista' tiġi ritenuta bħala l-awtriċi tar-reat, skont il-Mamo fin-Noti tiegħu,[13] il-fatt li tkun użat l-id ta' aġent innoċenti biex ikun jista' jitwettaq id-delitt, ikun il-persuna li tkun qabdet lil dak l-aġent innoċenti li tiġi meqjusa bħala l-awtur reali tad-delitt. Il-Mamo jgħid hekk : -

> Thus, if a physician provides a poisonous draught and tells the nurse that it is the medicine to be administered to her patient and then by her administration of it, the patient is killed, the murderous physician – and not the innocent nurse – is the 'author' of the crime.[14]

---

[13] Notes on Criminal Law, Volum 1, paġna 124.

[14] Mill-banda l-oħra, jekk *<u>għall-grazzja tal-argument</u>*, setgħa rriżulta Josef Tyler Zammit kien jaf li l-basket kien fih id-droga herojina u għażel li jdaħħlu xorta waħda, l-appellanta xorta waħda kienet tista' tiġi ritenuta li kienet kompliċi fih ai termini tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Josef Tyler Zammit ikun ġie li mexa fuq l-istruzzjonijiet tal-appellanta (u infatti safa' arrestat fuq il-post wara li l-basket illi kellu fil-pussess tiegħu ġie mfittex mill-uffiċjali rispettivi, fejn irriżultat is-sustanza illeċita). Kwindi anki għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni miġjuba kontra tagħha, f'din l-ipoteżi, l-Qorti tal-Maġistrati setgħet kienet legalment u raġonevolment issib lill-appellanta ħatja mhux daqstant bħala dik li ma tkunx uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorità leġittima, iddaħħal jew tipprova ddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, iżda li kienet kompliċi ma min ma tkunx uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorità leġittima, daħħal jew ipprova jddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att. Skont l-artikolu 525(3) tal-Kodiċi Kriminali, anke kif kien fiż-żmien ta' meta seħħ dan id-delitt kien jippreskrivi li :

> Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 397, mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (4), it-tnejn inklużi, tal- artikolu 467 u tal-artikolu 623 igħoddu wkoll għall-Qorti tal- Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza

*Ikkunsidrat*

60. Illi l-appellanta lmentat wkoll mill-piena li ġiet imposta fuqha. Kif intqal aktar il-fuq din hija Qorti ta' reviżjoni u bħala tali ma tistax taqbad u tbiddel il-piena li tkun ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm din ma tkunx waħda żbaljata fil-prinċipju, jew li tkun tmur lil hinn mill-parametri tal-Liġi, jew li tkun manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It

---

taghha bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) jew taħt xi dispożizzjoniet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.

Mill-banda l-oħra, l-artikolu 467(2) tal-Kodiċi Kriminali kif kien fiż-żmien meta seħħ dan il-każ kien jaqra hekk : -

> (2) Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill- akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att ta' l-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l- akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att ta' l-akkuża, b'kompliċità f'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat hija tista' tiġi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan:
> Iżda meta persuna akkużata, fl-att ta' l-akkuża, b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat tiġi ddikjarata ħatja kif imsemmi qabel bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, tar-reat, ikkunsmat jew ittentat, il-piena ma għandhiex tkun aktar gravi mill-piena mitluba fl-att ta' l-akkuża.

Imbagħad l-artikolu 43 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li barra minn dawk il-każijiet fejn il-Liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur.

> conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

61. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-

appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett

> partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

62. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

63. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, skond l-artikolu 22(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet imponiet f'dan il-każ hija dik ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87). Evidentement il-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija u l-multa ta' disa' mija u ħamsin euro (€950) imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet fil-parametri tal-liġi u anzi aktar tqarreb lejn il-minimum ta'

sitt xhur priġunerija milli lejn il-massimu t'għaxar snin priġunerija. Dik il-Qorti ma setgħetx tinżel taħt is-sitt xhur priġunerija.

64. L-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jeskludi l-applikazzjoni tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* fejn l-unika eċċezzjoni għal din ir-regola tapplika fil-każ meta wara li l-Qorti li tkun ser tiġġudika l-każ tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn. Dan evidentement mhuwiex il-każ hawnhekk fejn allura din l-eċċezzjoni mijiex waħda applikabbli.

65. Jiġifieri mhux possibbli għal din il-Qorti li tagħti piena taħt il-minimum jew inkella ordni ta' probation f'dan il-każ. Kwantu għall-għoti ta' piena taħt il-minimum, anke kieku l-Liġi stess ma kienetx tipprojbixxi dan, dawn il-Qrati f'sentenzi passati tagħhom stqarrew li raġunijiet ta' mard waħedhom tipikament ma humiex ritenibbli bħala raġuni speċjali u straordinarja li minħabba fihom il-Qorti tkun tista' tati piena taħt il-minimum. F'dan is-sens ara s-sentenza mogħtija mill-Imħallef Joseph Galea Debono fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Bugeja***, mogħtija minn din il-Qorti nhar l-10 ta' Jannar 2008, fejn il-Qorti tal-Maġistrati kienet applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali f'dawn iċ-ċirkostanzi :

> B' dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, r-ragunijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti biex jiggustifikaw l- applikazzjoni tal-art. 21, anki fir-rigward tar-reati taht din l- ahhar ligi ma humiex tali li jistghu jigu klassifikati li huma specjali w straordinarji. Kieku l-Qrati kellhom jargumentaw b' dan I-mod, kull min ikun afflitt b' xi marda serja jew ikollu xi membru tal-familja

tieghu hekk marid, ikollu 'carte blanche' biex jikser id-dispozizzjonijiet kollha tal-ligijiet kriminali w fiskali bil-garanzija li ma jkunx ser ikollu jiffaccja r-riguri tal-ligi jekk mhux addirttura li ser igawdi impunita' assoluta. Din il-Qorti qatt ma tista' taccetta li r- ragunijiet moghtija mill-Ewwel Qorti setghu jiggustifikaw l- applikazzjoni tal-artikolu 21.

66. Inoltre jirriżulta wkoll li l-kawża tad-dewmien f'dawn il-proċeduri ma kienux biss attribwibbli għall-prosekuzzjoni. Kien hemm diversi drabi fejn l-appellanta, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, għalkemm notifikata, naqset milli tidher tant li kellha jinħarġu mandati biex tinġieb quddiemha.

67. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati stqarret li kienet ħadet kont tal-fedina penali tal-appellanta, iżda wkoll li minn dakinhar tad-delitt u li l-appellanta kienet għamlet sforz sabiex tirriforma ruħha u li għamlet progress fil-ġlieda tagħha kontra l-vizzju tad-droga. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-piena kif mposta mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ kienet ekwa u ġusta. Mill-banda l-oħra l-fatt li l-appellanta jirriżulta li għamlet sforz biex tibdel ħajjitha u tirriforma ruħha – fatt anke notat mill-Qorti tal-Maġistrati – nonche t-trapass taż-żmien f'dan il-każ, il-Qorti tqis li għandu jkun hemm temperament fil-piena imposta.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, il-Qorti tilqa' l-appell ta' Joanne FENECH in parti billi :

(a) filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn hija ġiet misjuba ħatja,

(b) tvarja biss dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanta ġiet ikkundannata għal disa' xhur priġunerija, billi tħassarha fejn imponiet il-piena ta' disa' xhur priġunerija

(c) u minflok tikkundanna lill-appellanta għall-piena ta' **seba' xhur** priġunerija.

(d) U tħalli s-sentenza appellata invarjata fil-kumplament.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***